**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 14 ta' Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 34 / 17/1 RGM

Kawza fil-lista: 5

**W T**
**vs**
**Dr X Q *sive* O et**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tas-27 ta' Gunju 2017 li permezz tieghu talab "li tizdied is-segwenti talba" u cioe' li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru 2534/2014 fis-sens li l-intestatura "unknown father" tigi sostitwita bl-isem "W T (San Giljan, Malta) kif ukoll il-konnotati kollha tieghu.

Rat ir-risposta tal-konvenut Dr B Q tal-10 ta' Lulju 2017 li permezz taghha qed jopponi ghar-rikors fejn isostni illi t-talba tar-rikorrent "tbiddel ghal kollox l-azzjoni tal-kawza intavolata minnu".

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-10 ta' Lulju 2017 li permezz taghha irrimetta ruhu.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Dr X Q O li permezz taghha qed topponi ghar-rikors ghar-ragunijiet hemm imressqa fosthom illi "b'din it-talba tieghu l-attur qed ifittex li jibdel il-binarju tal-azzjoni filwaqt li jipprova jinnewtralizza l-eccezzjonijiet tal-esponent."

Rat l-atti.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet.

Ikkunsidrat;

Skond l-**Artikolu 175 tal-Kap. 12**, *il-Qorti tista' tordna sostituzzjonijiet jew tibdil fl-iskritturi billi zzid jew tnehhi l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor minfloku, jew jissewwa zball fil-kwalita` li fiha jidhru jew jissewwa* *<u>kull zball iehor, sakemm is-sostituzzjoni jew tibdil ma jibdilx is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza</u>*. (sottolinear ta' din il-Qorti).

In tema legali ssir referenza ghall-gurisprudenza citata mill-partijiet fir-rigward tal-artikolu appena citata u b'zieda taghmel referenza ghall-provvediment aktar recenti moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Marzu 2015 fil-kawza fl-ismijiet "**Perit Arkitett Joseph Xuereb et vs Michael Vella et"** (citaz 1142/14LM) fejn *inter alia* intqal illi:-

*Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu, isalvaw l-atti u mhux jannullawhom. "Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke abbażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal- 1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap. 12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bi-rraġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh ("Fino vs Fabri noe" – deċiża mill- Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997; Malta Development Corporation vs Paul Licari deċiża mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004, Charles Fino vs Alfred Fabri noe Appell tat-28 ta' Frar 1997, Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini, deċiża mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anzichè annullati jew dikjarati nulli ("Ellul vs Coleiro" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994. Ara wkoll – "Guillaumier Industries Ltd vs Fava et" – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 28 ta' Ottubru 1998, "Attard noe vs Galea" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u "Aquilina vs Cassar" – Vol.LXXVI.IV.666).*

Isegwi ghalhekk illi sabiex iz-zieda rikjesta mill-attur tissodisfa r-rekwiziti impost bl-artikolu 175 jehtieg illi:-

1. Jirrizulta li kien hemm zball fl-iskrittura; u
2. Iz-zieda mitluba mhux ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni; jew
3. Iz-zieda mitluba mhux ser tbiddel is-sustanza tal-eccezzjoni fuq il-mertu.

Ikkunsidrat;

Fir-rikors guramentat tieghu l-attur qed jitlob tibdil fl-att tat-twelid numru 6254/2014 peress li qed jitlob illi ismu u l-konnotati tieghu jigu inseriti fl-att tat-

twelid *de quo* bhala l-missier minflok dawk tal-konvenut Dr B Q.  Ifisser illi l-azzjoni attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara illi il-missier naturali tal-minuri ma hux il-konvenut Q izda l-attur T, azzjoni ta' denegata paternita' fir-rigward tal-konvenut Q abbinata ma' talba ghal dikjarazzjoni ta' paternita' favur l-attur T.

Permezz tar-rikors in dizamina l-attur qed jitlob zieda fit-talbiet attrici fis-sens illi qabel mal-Qorti tiddeciedi t-talba imsemmija, tiddeciedi talba ohra li tirreferi ghal att tat-twelid iehor b'numru differenti u cioe' l-att tat-twelid numru 2534/15 fejn taht l-intestatura "missier" kien hemm indikat il-kliem "missier mhux maghruf".

Il-motivazzjoni fir-rikors in dizamina hi illi meta l-attur intavola r-rikors guramentat tieghu fit-13 ta' Frar 2017 huwa ma kienx jaf illi l-minuri kien gie adottat mill-konvenut Q.  Jissottometti illi una volta sar jaf bl-adozzjoni kien jehtieglu jzied talba ohra attrici dwar att tat-twelid iehor tal-istess minuri.

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti minghajr htiega ta' indagini prolungata illi tali zieda, jekk tigi awtorizzata, tbiddel sostanzjalment l-azzjoni kif sa issa promossa mill-attur. Meta gie intavolat ir-rikors guramentat tieghu l-attur kien ben konsapevoli illi kien hemm zmien meta l-minuri kellu l-att tat-twelid tieghu jiddeskrivih bhala *b'missier mhux maghruf* u kien hemm zmien minn meta l-att tat-twelid beda juri lill-konvenut Dr B Q  bhala l-missier tal-minuri.

L-attur isostni illi meta intavola l-kawza odjerna huwa ma kienx ghadu konsapevoli tal-fatt illi l-inserzjoni ta' isem il-konvenut B Q kienet konsegwenzjali ghal digriet ta' adozzjoni moghti fl-4 ta' Awissu 2015.  Ifisser li skond l-attur huwa kien minghalih illi tali inserzjoni ta' isem il-konvenut B Q taht l-intestatura "missier" kienet rizultat ta' rikonoxximent volontarju.

Dato ma non concesso illi meta ntavola l-azzjoni attrici l-attur ma kienx jaf illi l-minuri kien gie adottat mill-konvenut Q, jibqa' l-fatt illi t-talbiet attrici illi l-attur issa jrid li jizdiedu ma' dawk ezistenti ibiddlu sostanzjalment l-azzjoni attrici minn kif originarjament promossa. Ir-rikors guramentat jitratta certifikat tat-twelid fejn il-missier huwa indikat bhala l-konvenut Q.

Permezz tar-rikors in dizamina l-attur qed jitlob illi l-Qorti titratta wkoll att tat-twelid iehor fejn jinghad illi l-missier mhux maghruf. M'hemmx dubju illi tali talba jekk tizdied f'din il-kawza tkun qed tbiddel radikalment il-mertu tal-kawza, bidla li fil-fehma tal-Qorti ma hiex permissibbli ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi tichad ir-rikors tal-attur tas-27 ta' Gunju 2017 bl-ispejjez kontra tieghu.

**Imhallef** **Deputat Registratur**